MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Numru. 1003/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**

**VS**

**YVETTE GRIMA**
**(ID Numru: 221381M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 1003/2014

Illum, 24 ta` Frar, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Yvette Grima, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 221381M.

**Akkuzata talli:**

Fl-erbgha (4) ta` Ottubru 2014 fi Triq Haz-Zabbar, Fgura u f'dawn il-gzejjer minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` Stephen Attard mill-Fgura f'periklu car ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu cioe` ferita ta` natura gravi li gabitlu mankament jew sfregju f'wiccu skont ma ccertifikat Dr. Rebecca Pisani, Reg.: 3288, mic-Centru tas-Sahha Rahal Gdid.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tipprovdi ghas-sigurta` ta` Stephen Attarde u tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216 (b) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputata ghall-imputazzjonijiet addebitata lilha mill-Prosekuzzjoni ma jhallu ebda alternattiva ohra lil dina l-Qorti hlief li ssib lill-imputat hatja kif akkuzata. Wara li l-Qorti nnotat dak li qalilha l-Avukat Difensur Dr. Franco Debono, li kien hemm ammissjoni bikrija, illi l-fedina penali tal-imputata hija wahda nadifa, kif ukoll ir-rinunzja ghal azzjoni kriminali min-naha tal-*parte civile* prezenti in awla, dina l-Qorti temmen illi piena karcerarja m'huwiex adegwat f'dan il-kaz, anzi jkun ta` hsara lill-istess imputata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qiedgha tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mil-llum a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------